BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165  Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 03/14 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Ħamis 27 ta' Marzu 2014 fil-5.30pm.**

| *Preżenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Kevin Barun**<br>**Is-Sur Charles Muscat**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Stanley Zammit** |
| **Aġent Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skużat** | **Is-Sur Carmelo Cachia** |

## ***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 02/14 u t-tkomplija tagħha tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. S.Zammit ippropona u C.Muscat issekonda mozzjoni biex il-Minuti Nru. 02/14 u t-tkomplija tagħhom ikunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## ***AĠENDA -2***

*01/03 -* Fuq talba tar-Reġjun Nofsinhar ġie diskuss kif il-Kunsill Lokali jista' juża 20 siegħa ta' servizz ta' *eco-wardens* fil-lokal. Wara diskussjoni l-Kunsill unanimament qabel li dan is-servizz għandu jintuża sabiex naraw li wara li jżarma l-monti ma jitħalliex skart mill-bejjiegħa kif ukoll fuq ħmieġ tal-klieb. Dan ser ikun eżerċizzju bi prova.

*02/03* - Ġew ippreżentati fuq il-mejda tal-Kamra l-kuntratti ta' ġbir ta' skart riċiklat. Il-Kamra qablet li dawn il-kuntratti għandhom jiġu mġedda dment li l-Kunsill Lokali kuntent bis-servizz li qed jingħata u li joffru l-istess kundizzjonijiet tal-kuntratti ta' qabel.

*03/03* - Tressqet talba minn operatur privat sabiex għax-xhur tas-sajf tibda ssir attivita' ta' *water walking balls* fil-Bajja s-Sabiħa. Il-Kamra qablet li qabel tiddiskuti din it-talba titlob laqgħa mal-operatur sabiex jiġu ċċarati diversi *issues*.

04/03- Tressqet quddiem il-Kunsill talba minn residenta sabiex tingħata l-approvazzjoni ħalli tkun tista' twaħħal plakka li tfakkar persuni għeżież għaliha fuq bank partikolari fil-Bajja s-Sabiħa. Wara diskussjoni l-Kamra laqgħet din it-talba bil-kundizzjoni li l-qies tal-plakka jingħata mill-Kunsill Lokali u jinżamm qies *standard* għall-talbiet simili fil-futur.

***AĠENDA -3***

Il-Kamra għaddiet sabiex tiddiskuti is-Sejħa Pubblika Nru. 01/14 - Tindif u Manutenzjoni ta' Latrini Pubbliċi.

| Isem | TND No. | Item No. | Rimarki |
|---|---|---|---|
| Vincent Mc Intyre | 1 | € 36,000 | No bid-bond |
| Carmelo Fenech | 2 | € 27,900 | Bid-bond ok |
| Sandro Caruana | 3 | € 11,100 | Bid-bond € 500 |
| Saviour Mifsud | 4 | € 17,850 | Bid-bond ok |
| Vincenza Mallia | 5 | € 30,100 | Bid-bond ok |
| Terrence Farrugia | 6 | € 32,000 | Bid-bond ok |
| Emanuel Magro | 7 | € 27,000 | Bid-bond ok |
| Louise-Ann Debono o/b/o Shantys Const. Co. Ltd. | 8 | € 43,365 | Bid-bond ok |
| Chris Bezzina | 9 | € 9,650 | Bid-bond ok |

J.Baldacchino bħala rappreżentant tal-bord tal-għażla li kien magħmul mis-Sindku, is-Sur J.Farrugia, mill-Kunsillieri – S.Zammit, C.Cachia, J.Baldacchino u mir-rappreżentant tal-pubbliku is-Sur E.Mangion, ressaq quddiem il-Kamra r-rakkomandazzjoni tal-bord. Wara diskussjoni l-Kamra approvat ir-rakkomandazzjoni tal-bord, dik li jintgħażel il-kuntrattur Nru.2 is-Sur Carmelo Fenech minħabba li kienet l-aktar offerta vantaġġuża.

***AĠENDA -4***

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kamra r-rapport tal-bord tal-għażla għall-ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku spjega li minn tlett applikanti waħda biss kienet eleġibbli li ssirilha intervista. Il-Bord jirrakkomanda, wara li saritilha l-intervista, li tintgħażel din il-kandidata sabiex timla' l-post vakanti. Il-Kamra laqgħet ir-rakkomandazzjoni tal-bord u għaldaqstant il-proċess għandu jiġi ffinalizzat.

***AĠENDA -5***

Ġie mqiegħed fuq il-mejda tal-Kamra l-*budget* għas-sena 2014. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv fehmet lill-Kamra li ġej żmien fejn il-Kunsill irid inaqqas l-ispejjeż konsiderevolment sabiex jagħmel tajjeb għall-infiq kapitali li sar. Wara diskussjoni l-Kamra unanimament approvat id-dokument imressaq.

***AĠENDA -6***

Ġew ippreżentati fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti u l-*purchase requests* tagħhom għax-xahar ta' Frar 2014. Peress li ma kien hemm l-ebda amenda jew oġġezzjoni, il-Kamra qablet li tħallas is-somma ta' € 36028.67 skont skeda nru. 02/14.

***AĠENDA -7***

1. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kamra li :

   - inġiebu stimi għax-xogħol ta' asfaltar ta' sqaqien fl-inhawi ta' Sansajna li ser isir bil-fondi taħt Measure 125, pero' minħabba li l-istimi ġew ftit għola milli maħsub ser jinġiebu stimi mingħand kuntratturi oħra qabel il-Kamra tieħu deċiżjoni.

   - il-laqgħa pubblika ser issir nhar il-Erbgħa, 30 ta' April 2014 fis-6.00pm . Kulħadd qabel.

   - il-Kunsill Lokali ħa l-fondi taht Measure 413.A5 għal tisbiħ ta' Misraħ Profs. Pietru Pawl Saydon f'Bengħisa.

   - wara approvazzjoni minn Transport Malta tal-pjanti tal-bankina f'Misraħ Is-Summit, il-Kunsill Lokali ser iġib stimi sabiex isir ix-xogħol pjanat.

   - inġabet stima għad-dawl għal uħud miż-*zebra crossings* fil-Bajja s-Sabiħa. Il-Kamra qablet li dan id-dawl bżonnjuż għandu jsir. Ukoll qablet li għandna nġibu stima ta' *pedestrian crossing lights* li jaħdmu bl-enerġija solari sabiex il-Kunsill ikun jista' jieħu deċiżjoni fuq liema tip ta' dawl għandu jinstalla *f'pedestrian crossings* oħra.

2. Il-Viċi-Sindku, is-Sur K.Barun :

   - ġibed l-attenzjoni li hemm bżonn dawl f'passaġġ li jagħti minn Triq Dun Ġorġ Zammit għal Triq il-Port Ħieles.

   - staqsa fuq il-possibbilita' li l-permessi li jagħmel il-Kunsill Lokali jibdew isiru *online*. L-Aġent Segretarju Eżk. spjegat li minħabba li l-Kunsill m'għandux il-faċilita' ta' ħlas *online* dan m'huwiex possibbli fil-preżent.

   - talab l-approvazzjoni sabiex flok f'Marzu il-*magazine* tal-Kunsill jinħareġ f'Mejju sabiex fih tiġi reklamata l-attivita' ta' 'Inġeddu Tfulitna'. Kulħadd qabel.

- ressaq talba ta' residenti li joqogħdu fi Triq iż-Żebbuġ sabiex isir *embellishment* fl-*area* ta' ħdejn is-shortly u titneħħa l-binja żgħira, simili għall-funtana, li hemm fin-nofs. Is-Sindku nforma l-Kamra li s-sit imsemmi hu wirt storiku u kull ma jista' jsir hu li s-sit jitnaddaf sew sabiex ikun jidher aħjar.

- talab sabiex sakemm il-Kunsill jiltaqa' ma' rappreżentanti tal-Windmills F.C. il-grawnd tal-Bajja s-Sabiħa għandu jinfetaħ għal kulħadd. Il-Kamra ma laqgħetx din it-talba u ser tistenna sakemm issir il-laqgħa msemmija qabel tieħu deċiżjoni.

3. Il-Kunsillier, is-Sur S.Zammit :

- informa l-Kamra li saret laqgħa ma' rappreżentanti ta' Transport Malta rigward il-pjanti ta' mmaniġġjar ta' traffiku fi Triq Għar Dalam. Il-pjanta li qabel magħha l-Kunsill waslet fi stat ta' *tendering* filwaqt li fuq il-pjanta li l-Kunsill kellu oġġeżżjonijiet dwarha, ser issir reviżjoni fuqha fuq is-suġġerimenti tal-Kunsill Lokali.

- ġibed l-attenzjoni tal-Kamra fir-rigward tal-ħsara kbira li hemm fil-*cables* tad-dawl ornamentali fil-Bajja s-Sabiħa. Il-*cable* tant ilha ssirlu ħsara li hu mpossibbli li tibqa' ssewwi fih. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li għandha tinġieb stima ta' kemm jiswa x-xogħol biex jinbidel il-*cable* in kwistjoni.

- irrimarka li għalkemm intbagħtet ittra lis-sid tal-periklu li tħalla fi Triq Tal-Ġebel wara li nbena ħajt tas-sejjieħ, is-sitwazzjoni għadha l-istess.

- fakkar il-Kamra li waqt il-programm tar-radju 'Il-Kunsill Jisimgħek' kien hemm suġġeriment sabiex il-Kunsill jibda juża l-ilma tax-xita li jinġabar fil-ġiebja li hemm taħt Ġnien il-Kunsill Lokali . Il-Kamra qablet li għandha tinġieb stima tal-ispiża sabiex isir ix-xogħol neċessarju għal dan l-iskop.

4. Il-Kunsilliera, is-Sinjura B.Pace :

- kellha talba mill-ambaxxata tal-Gambia f'Malta sabiex isir ġemellaġġ mal-lokal. Il-Kamra ma laqetx din it-talba minħabba li bħalissa mhux qed tikkunsidra ġemellaġġi.

- talbet li jinħoloq kumitat sabiex tiġi organizzata l-attivita' 'Inġeddu Tfulitna', kif ukoll issir applikazzjoni għal *temporary meter* għal Triq il-Qajjenza għall-istess attivita'. Kulħadd qabel.

- Informat lill-Kamra li f'Mejju li ġej il-Kunsill Lokali ser jingħata €1000 sabiex nippromwovu l-qari fost it-tfal. B'kollaborazzjoni mal-librerija ser tiġi organizzata *treasure hunt* fejn it-tfal iridu jfittxu r-risposti għall-mistoqsijiet fil-kotba tal-librerija, kif ukoll ser jkun hemm *talk* minn Trevor Zahra għall-ommijiet ta' tfal żgħar fuq *bedtime reading*. Dawk li ser jattendu għal din it-*talk* ser jingħataw sett kotba tal-qari għat-tfal.

5. Il-Kunsillier, is-Sur C.Muscat :

- informa l-Kamra lix-xogħol fuq il-bandli fil-Bajja s-Sabiħa hu imminenti li jibda.
- talab sabiex tiġi rranġata l-bankina fi Triq Żarenu Dalli l-parti t'isfel.
- informa l-Kamra li kellu laqgħa mal-*Prison Warden* u l-Kunsill Lokali ser jibda jkollu assenjati miegħu żewġ priġunieri sabiex jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni.

***<u>Għeluq</u>***

Is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fit-8.30pm. Is-Seduta li jmiss ser tinżamm nhar il-Ħamis, 24 ta' April 2014 fil-5.30pm.

.

**..........................................** **..............................................**

**Joseph Farrugia** **Maria Galea**

**Sindku** **Aġent Segretarju Eżk.**